# 500 SENA TA' QIMA LIL SANT'ANDRIJA

Fl-1497, insibu ġa knisja ddedikata lil Sant'Andrija f'Hal Luqa. Xi jfisser dan? Ifisser li għal aktar minn 500 sena, il-Hal Luqin kellhom, fost qaddisin oħra, devozzjoni lejn dan l-Appostlu. Minn fejn hi ġejja din id-devozzjoni? Ma nistgħux inwieġbu eżattament. Dawn li ser insemmu huma possibiltajiet. L-ewwel, seta' kien hawn xi ħadd għani jismu Indri, li bena din il-knisja żgħira fil-post fejn il-lum għandna l-knisja parrokkjali. Jista' jkun ukoll li billi Hal Luqa hija qrib ħafna tax-xatt tal-Marsa u billi xi Hal Luqin kienu sajjieda jew baħħara, dawn bnew din il-knisja lill-Qaddis Patrun tagħhom li kien sajjied.

Kif setgħet kienet din il-knisja? B'xorti tajba, għad baqgħalna l-knisja ta' Santa Marija tal-Ftajjar fi Triq il-Karmnu li hija ta' l-istess żmien u li kienet inbniet għall-bidu tas-seklu ħmistax. Il-knisja li nbniet wara u li sab Mons. Dusina fit-8 ta' Frar 1575 kienet akbar b'seba' ħnejjiet, b'altar maġġur u żewġ altari fil-ġnub. Fl-1600, l-altar maġġur kellu kwadru tal-Madonna, ta' Sant'Andrija u ta' San Pawl maħdum mill-pittur Filippu Dingli minn H'Attard. Meta Hal Luqa saret parroċċa fl-1634, bdiet tinbena knisja akbar madwar il-knisja l-qadima. Il-bini ta' din il-knisja dam sejjer għal bosta snin, kważi għal mitt sena sa l-1737.

Fi żmien il-kappillan Theuma (1683-1711) inbnew mill-ġdid il-kor u l-faċċata tal-knisja. Il-pittura tal-martirju ta' Sant'Andrija - xogħol ta' Mattia Preti - saret fi żmienu fl-1687. Il-kappillan Dun Injazju Agius fl-1715 kien akkwista relikwa ta' Sant'Andrija minn għand ċertu Francesco Albotti biex tintuża fil-purċissjoni tal-qaddis patrun li bdiet toħrog dak iż-żmien. L-istatwa ta' Sant'Andrija kienet lesta għall-festa ta' Novembru 1781. Jista' jkun li ħadimha l-iskultur Hal Luqi Pietru Saliba dak li snin qabel kien ħadem il-pulptu u l-iskultura tas-sedji tal-kor. Fl-1913 meta tlesta x-xogħol tan-navi, din l-istatwa rrestawraha l-iskultur Bormliż Abram Gatt u ttiedet il-Belt fi Triq Kristoforu għand id-ditta Coleiro għall-induratura. Il-pedestall ta' l-istatwa, il-bradella u l-bankun saru wkoll fl-1913 fuq disinn ta' Abram Gatt u nħadmu mill-imgħallem Luqa Griscti minn Hal Luqa. It-tnax-il appostlu li hemm fil-bankun inħadmu fl-Aastrija.

Minn dak iż-żmien sal-lum, pajjiżna kellu jħabbat wiċċu ma' żewġ gwerer dinjija. Wara l-ewwel gwerra, saru diversi opri ġodda fil-knisja fosthom il-qniepen, id-damask tan-navi u l-irħam tal-paviment. Fit-tieni gwerra, il-knisja parrokkjali ntlaqtet b'ħidma ta' l-għadu u ħafna opri ta' tiżjin kellhom jissewwew jew saru ġodda, minbarra li l-knisja nfisha kellha tinbena kważi mill-ġdid. Jalla l-qima li aħna nagħtu lil Sant'Andrija tkompli tiżdied fostna fis-snin li ġejjin u li aħna nagħtu xiehda ta' dan fil-ħajja tagħna ta' nsara segwaċi ta' Kristu.

EDITORJAL.